***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 365 tas-7 ta' Marzu 2016 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-Seduta 362 ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Frar 2016, l-Onor. Marthese Portelli issottomettiet din it-talba lis-Sedja:

> "Jien għamilt mistoqsija parlamentari 23477 lill-Ministru Joe Mizzi dwar konsulenti u *persons of trust* fejn jien tlabtu jgħidli min huma l-konsulenti jew *persons of trust* li taw is-servizz tagħhom fil-Ministeru tiegħu fuq materji li jirrigwardaw Transport Malta bejn l-1 ta' Marzu 2013 sad-data li fiha saret din il-mistoqsija parlamentari. Tlabtu jgħidli wkoll meta jiskadi t-terminu ta' konsulenza, tlabtu jgħidli x'inhi r-remunerazzjoni tagħhom u kemm tħallsu sad-data li fiha jweġibni.
>
> Ir-risposta li ngħatajt kienet li jixtieq li jien inkun aktar speċifika fil-mistoqsija tiegħi. U allura jien xtaqt nistaqsih…"

Hawnhekk is-Sedja talbet lill-Onor. Marthese Portelli:

> "Le, staqsi lili. X'inhi d-domanda?"

Hawnhekk l-Onor. Marthese Portelli rrispondiet hekk:

> "Jien nixtieq gwida ta' x'aktar għandi nistaqsi għaliex għedtlu xi rrid u tajtu d-dati minn meta sa meta."

Sussegwentement is-Sedja għamlet referenza għall-mistoqsija parlamentari 23477 magħmula mill-Onor. Marthese Portelli kif ukoll għat-tweġiba mogħtija mill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi, fis-Seduta 362 tad-29 ta' Frar 2016 u nikkwota:

> **"L-ONOR. MARTHESE PORTELLI staqsiet lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura:** Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti jew *persons of trust* illi taw is-servizz tagħhom lill-Ministeru fir-rigward ta' kwalunkwe materja illi taqa' taħt Transport Malta, bejn l-1 ta' Marzu 2013 sad-data illi fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari? Jista' l-Ministru jgħid meta jiskadi t-*term* ta' konsulenza ta' kull wieħed minnhom? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni (salarju u perkaċċi) tagħhom u kemm tħallsu sad-data illi fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari?
>
> **L-ONOR. JOE MIZZI, Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tkun aktar speċifika fil-mistoqsija tagħha."

Mingħajr preġudizzju għall-fatt li, kif se jiġi stabbilit iktar tard, hija m'għandha l-ebda poter li tidħol fil-mertu tat-tweġiba, is-Sedja tirrileva li, mill-istess qari tal-interpellanza tal-Onor. Portelli, joħroġ li fil-mistoqsija qiegħda ssir talba għal informazzjoni dwar konsulenti u *persons of trust* li jaqgħu taħt entità waħda li taqa' taħt il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, u ċjoè dik ta' Transport Malta, u dan mill-1 ta' Marzu 2013 'l hawn. Allura dan ifisser li qed nitkellmu biss fuq Transport Malta u fuq perjodu definit.

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha s-Sedja tibda billi tikkonferma li d-domanda tinkwadra tajjeb taħt l-Ordni Permanenti 27 li jitkellem dwar dak li jirregola l-għemil ta' interpellanzi parlamentari li jgħid hekk:

> "**27.** L-iskop xieraq ta' interpellanza jkun li jinkiseb tagħrif dwar ħaġa ta' fatt fit-tagħrif speċjali tal-membru li lilu tkun saret.
>
> Id-dritt ta' għemil ta' interpellanzi jkun regolat mir-regoli li ġejjin:
>
> (1) interpellanza ma għandha tippubblika ebda isem jew dikjarazzjoni li ma tkunx assolutament meħtieġa biex l-interpellanza tiftiehem;
> (2) jekk interpellanza jkollha dikjarazzjoni, il-membru li jagħmilha jsir responsabbli għall-akkuratezza tad-dikjarazzjoni;
> (3) interpellanza ma għandha jkollha ebda argument, opinjoni, inferenza, imputazzjoni, epitetu jew espressjoni ironika;
> (4) ma għandhiex issir interpellanza dwar proċeduri f'kumitat li ma jkunux tqiegħdu quddiem il-Kamra b'rapport tal-kumitat;
> (5) interpellanza ma għandhiex titlob għoti ta' opinjoni jew soluzzjoni ta' kwistjoni legali astratta jew propożizzjoni ipotetika;
> (6) ma għandhiex issir interpellanza dwar il-karattru jew il-kondotta ta' xi persuna ħlief fil-kariga tagħha uffiċjali jew pubblika;
> (7) ma għandhiex issir interpellanza dwar il-karattru jew il-kondotta ta' xi persuna li l-kondotta tagħha tista' tiġi attakkata biss fuq mozzjoni sostantiva;
> (8) interpellanza li tkun jew li timplika akkuża ta' karattru personali għandha tiġi miċħuda; u
> (9) interpellanza li tkun imwieġba għal kollox ma tistax terġa' tiġi magħmula."

Kif indikat iktar 'il fuq, is-Sedja tirrileva li kif deċiż diversi drabi kemm minn din is-Sedja kif ukoll minn Speakers preċedenti, is-Sedja ma tista' bl-ebda mod tindaħal fir-risposta li tingħata mill-Ministru. L-istess *rulings* attribwew dan għall-fatt li filwaqt li l-Ordnijiet Permanenti jispeċifikaw f'ċertu dettall l-għemil ta' interpellanza, huma siekta dwar it-tweġibiet li jingħataw mill-Ministri. Kien għalhekk li f'numru ta' *rulings* saret ukoll referenza għall-prattiċi tal-House of Commons tar-Renju Unit skont l-Ordni Permanenti 197, liema prattiċi kkoraboraw dan l-istat ta' fatt.

Is-Sedja hawnhekk tirreferi wkoll għal pubblikazzjoni Nru 04148 tal-House of Commons maħruġa fis-6 ta' Mejju 2015 intitolata *Parliamentary Questions: Recent Issues* minn Mark Sandford, fejn jingħad dan li ġej:

> "*There are no formal appeal rights regarding answers that are considered by Members to be incomplete or otherwise unhelpful. In recent years, a number of Members have raised Points of Order because they have considered the answers they received to be inadequate. The Speaker's responses have referred to the standard routes open to Members: tabling further questions; complaining to the Procedure Committee (see section 2 below); seeking an adjournment debate; and writing to Ministers.*"

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-paragrafu li jmiss f'din il-pubblikazzjoni li jitkellem dwar in-nefqa biex tinġabar l-informazzjoni biex tkun tista' tingħata tweġiba għal interpellanza parlamentari, u nikkwota:

> *"Ministers may refuse to answer a question if the cost of doing so would exceed a certain amount, known as the advisory cost limit. This currently stands at £850."*

Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi s-Sedja tħalli f'idejn il-Ministru kkonċernat biex fid-dawl ta' dan ir-*ruling* jara jekk għandux xi jżid mat-tweġiba mogħtija għad-domanda li saret mill-Onor. Marthese Portelli.

Ir-*ruling* huwa deċiż.